MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2011

Appell Kriminali Numru. 431/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Angelo Gafa')**
**Vs**
**David Delicata**

Il-Qorti,

Għandha quddiemha żewġ appelli, wieħed tal-Avukat Ġenerali u l-ieħor tal-imputat u ser tiddisponi minnhom seriatim f'sentenza waħda.

**L-Appell tal-Avukat Ġenerali**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer, f'hanut bl-isem ta' MISTO li jinsab f'level 0 Artisan Market, Baystreet Complex, St. Julians, fit-22 ta' Mejju, 2006 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess

disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda
1. iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bejgh tali merkanzija jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, bejgh jew zamm ghandu ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe' accessorji bil-marki tad-ditta Louis Vuitton; (Dan bi ksur ta' l-artikoli 298(1)(a)(b)(c)(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
2. u aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, bi qliegh jew bi skop ta' kommerc, stampa, immanifattura, dduplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bil-ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-ligi ta' Malta; (dan bi ksur ta' l-artikolu 298B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
3. u aktar talli, fl-istess perjodu, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, w minghajr il-kunsens tal-proprjetarju applika fuq oggetti jew fuq ippakkettjar taghhom sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma trade mark registrata, jew biegh jew kera, offra jew espona ghall-bejgh jew kiri jew qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu, sinjal bhal dak, (Dan bi ksur ta' l-artikolu 72(1) tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Ottubru, 2010, li biha wara li rat l-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikolu 72(1)(b) tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati tat-tielet akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u kkundannatu multa ta' elf u hames mitt Euro (€1500), il-Qorti ddikjarat lill-appellant mhux hati tal-ewwel u tat-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess akkuzi.

Il-Qorti ordnat il-konfiska w id-distruzzjoni tal-oggetti mmarkati bhala Dok. CV1 u esebiti fl-udjenza tat-2 ta' Ottubru, 2008 minn PC 344 Christopher Vella.

Rat ir-rikors **tal-appellant Avukat Generali** minnu pprezentat fit-22 ta' Ottubru, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mit-tieni imputazzjoni kif ukoll fejn sabet htija fit-tielet imputazzjoni u kkundannatu multa ta' €1,500 nonche d-distruzzjoni tal-oggetti esebiti w thassaraha w tirrevokaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mill-ewwel imputazzjoni u minflok issib lill-appellat hati skond l-ewwel akkuza w tinfliggi kontra l-istess appellat il-piena idonea fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

Ili l-Ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni u interpretazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-ligi kif ukoll interpretazzjoni zbaljata tal-fatti kif graw.

Illi ghandu jinghad li l-appellant intavola dan l-appell ghax jidhirlu li l-Ewwel Qorti kienet manifestament zbaljata meta ddecidiet li tillibera lill-appellat mill-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontrih. Ta' min jghid li nonostante li l-ewwel imputazzjoni tidher bhala imputazzjoni wahda din l-istess imputazzjoni tinkludi erba' artikoli tal-ligi differenti u cioe' l-artikoli 298(1)(a)(b)(c)(f) tal-Kap. 9.

Illi l-Ewwel Qorti ddecidiet li tillibera lill-appellat mill-ewwel imputazzjoni ghax dehrilha li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-element formali fis-sens li l-appellat ma kellux l-intenzjoni li jinganna lill-konsumatur billi jispaccja l-prodott impurtat minnu bhala wiehed originali Louis Vuitton.

Mill-mod kif xehed quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellat wera li kien jaf tajjeb x'inhuma l-prodotti Louis Vuitton u li kien jaf li l-oggetti kienu ta' kwalita' inferjuri. L-appellat iddeċieda li jimporta dawn l-oġġetti minn Ruma u għażel li jpoġġihom għall-bejgħ.

Skond l-artikolu 299 tal-Kap 9 jitqies li l-akkużat mexa dolożament kemm-il darba huwa ma jippruvax li ma kellux ħsieb doluż. Huwa l-imputat li jrid juri li ma mexiex dolożament. L-artikolu 302 jesiġi li l-imputat għandu jipprova sal-grad tal-probabbli it-tliet rekwiżiti li ssemmi l-liġi fejn si tratta tal-arftikolu 298(1)(f). Għalhekk l-Avukat Ġenerali isibha diffiċli ferm kif l-appellat jista' jiġi ritenut li mexiex dolożament ai fini tal-artikolu 298(1)(f) tal-Kap 9.

L-ewwelnett din il-Qorti ma tiddisturbax sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti sakemm din tkun waslet għad-deċiżjoni legalment u raġjonevolment. Għalhekk, kif jidher aktar 'l isfel f'din is-sentenza, daħlet fil-provi profondament.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Dwar dan l-Ewwel Onorabbli Qorti qalet hekk:

'Il-Qorti jidhrilha li fil-każ odjern il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-element formali stante li mill-provi jirriżulta li l-imputat qatt ma kellu l-intenzjoni li jinganna lill-konsumatur billi jispaċċja dan il-prodott bħala wieħed oriġinali Louis Vuitton.''

Issa l-artikolu 298 tal-Kap 9 hawn min jinterpetah li huwa intiż biex jipproteġi lix-xerrej. Skond sentenza mogħtija mill-Imħallef l-Onor.Victor Caruana Colombo fit-12 ta' Diċembru 1997:

'Fil-każ ta-bejgħ ta' oġġett falsifikat, il-liġi trid tippoteġi lix-xerrej u għalhekk il-kaċita' li jqarraq hija kkonsidrata bħala element essenzjali tad-delitt. Allura jekk il-falsifikazzjoni tkun grossolana ma jkunx jissussisti d-delitt ta' falsifkazzjoni.' (Volm: LXXXI 1997 Pt.IV paġina 320-321).

L-ewwelnett, jekk wieħed jara d-diċitura tal-ewwel żewġ paragrafi tal-artikolu 298, wieħed malajr jinduna bil-frażijiet 'mingħajr il-kunsens tas-sid' liema frażi tidher darbtejn fl-ewwel paragrafu u darbtejn fit-tieni paragrafu. Dan qed jingħad għaliex l-ewwel imputazzjoni hija taħlita tal-paragafi(a) (ċ) u fl-aħħarnett il-paragrafu (f). Fil-feham tal-Qorti l-artikolu 298 għandu wkoll paragrafi intiżi biex jipproteġu lil-proprjetarju. Huma ċerti paragrafi li huma intiżi biex jipproteġu lix-xerrej.

Meta jitqies dan kollu, jingħad mal-ewwel li m'hemm ebda prova ta' xi falsifikazzjoni. Isegwi li jibqa' relevanti huma l-paragrafi (ċ) u (f)

Fil-paragrafu (ċ) il-liġi titlob 'li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija'.

Dwar dan il-paragrafu, skond kif ssottometta l-Avukat Ġenerali l-oneru tal-prova jmur fuqu l-imputat skond l-artikolu 299 'kemm-il darba huwa ma jippruvax li ma kellux ħsieb doluż.'

Il-Qorti mhix soddisfatta li l-imputat ried iqarraq bix-xerrej. Ma jistax wieħed jargumenta li għax instabet ħatija taħt l-artikolu 72 tal-Kap 416, allura għandha tinsab ħtija (bl-element formali b'kollox) taħt is-subinċiż (ċ) tal-paragrafu 298 tal-Kap 9.

Min-naħa l-oħra l-artikolu (f) jipprovdi hekk:

*'xjentement iqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, ibiegħ jew iżomm għandu għall-bejgħ jew jimporta għal ħsieb t' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema mxebbħin b'qerq.'*

Skond l-artikolu 302 l-imputat irid jossidisfa tliet kundizzjonijiet sabiex ma jkunx meqjus ħati.

Min kif xehed l-imputat jidher (a) li kien **jaf** (b)li l-oġġetti elevati minn għandu kellhom marki kellhom marka mxebbha b'qerq.

Għalhekk jidher li ż-żewġ rekwiżiti tal-paragrafu (f) huma soddisfatti.

Min-naħa l-oħra l-imputat (appellant) ma ssodisfax tal-anqas ir-rekwiżit (a) tal-artikolu 302.

Għalhekk il-Qorti qed issibu ħati ta' dik il-parti tal-ewwel imputazzjoni li għandha x'taqsam mal-paragafu (f) BISS tal-artikolu 298 u qed tikkonferma d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti safejn din ma sabitux ħati fejn jidħlu s-subparagrafi l-oħra fl-ewwel imputazzjoni.

**Ir-Rikors ta' David Delicata**

Rat ir-rikors tal-appellant David Delicata [detentur tal-karta tal-identita' numru 162878M] minnu pprezentat fil-15 ta' Ottubru, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberatu mill-ewwel zewg imputazzjonijiet u tirrevokaha f'dik il-parti fejn gie misjub hati tat-tielet imputazzjoni u tilliberah minn kull htija w piena.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Li l-appellant ma seta' qatt jinstab hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 72(1) ta' l-Att dwar it-Trademarks. Dan qed jingħad peress li d-diċitura ta' l-istess artikolu 72, senjatament il-paragrafu (b) tas-subinciz (2) kif ukoll is-subinciz (3) tieghu, jezoneraw lill-appellant minn kwalsiasi responsabbilita' penali.

L-appellant ċaħad li l-oġġetti kienu ta' Louis Vuitton tant li rrifjuta li jiffirma riċevuta għall-oġġetti elevati mill-Pulizija. L-appellant ċaħad kemm fl-istqarrijiet a tempo vergine kif ukoll meta interrogat mill-Pulizija.

Hemm baħar jaqsam bejn l-artikolu 298 tal-Kap 9 u l-artikolu 72(1) tal-Att Dwar it-Trademarks. La-rtikolu 298 fil-Kap 9 huwa intiż biex jipproteġi lix-xerrrje waqt lil-Att dwar it-Trademarks qed jipproteġi lill-proprejtarju tat-trademarks. L-Ewwel Onroabbli Qorti qatt ma setgħet

tinjora is-subinċiż (3) tal-artikolu 72 peress li l-fattispeċji tal-każ kienu jinkwadraw fih. Fl-Att dwar it-Trademarks il-Leġislatur ried jagħmilha ċara li sabiex tkun radikata responsabilita' ta' natura penali , l-element materjali jrid ikun akkumpnajt minn element formali ta' natura speċifika. Dan l-element formali jonqos jekk ikun soddisfatt l-artikolu 72(3). Il-basktijiet elevati kienu persentaġġ żgħir mill-prodotti elevati (inqas minn 1%), u l-prezz kien baxx.

Jekk l-appellant użu l-frażi 'designer inspired' waqt li qed jixhed, dan m'għandux iwassal għar-reita' dato li dan il-kunċett huwa tekniku.

L-element formali huwa speċifiku u mhxu ġeneriku għax il-liġi tgħid ' bil-għan li tieħu vantaġġ għaliha nnifisha jew għal persuna oħra, jew bil-ħsieb li tikkaġuna telf lil xi persuna oħra.' Il-gwadann li l-Liġi qed tipprojbixxi huwa l-gwadann għad-detriment tal-proprjetarju.

Kien jispetta wkoll lill-Prosekuzzjoni li tagħmel prova dwar ir-reputazzjoni ta' din it-trademark

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-ewwelnett din il-Qorti ma tiddisturbax id-deċiżjoni mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti jekk id-deċiżjoni kienet waħda li l-Ewwwel Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għaliha.

Għalhekk il-Qorti ser tagħmel eżami approfondit tal-provi u tal-argumenti miġjuba.
Il-fatti fil-qosor huma dawn li ġejjin. Il-Pulizija kienet irċeviet kwerela minn għand Mamo CV advocates fejn fiha kien allegat li kienu qed jinbiegħu xi oġġetti allegatament tad-ditaa Louis Vuitton ġewwa l-ħanut Misto, Baystreet. Fit-22 ta' Mejju
2006 il-Pulizija elevat diversi oġġetti mill-ħanut imsemmi: żewġ bagalji, erba' handbags u żewġ ċintorini. (Ara x-xhieda tal-ex-Spettur Kevin Borg u ta' PCC 344 Christopher Vella a fol 35).

L-ex-Spettur Kevin Borg ( a fol 32) fix-xhieda qal li meta kien staqsa lill-appellant (imputat) jekk jafx humiex oriġinali, l-imputat kien qal li huma ‘look alike’. Huwa qal ukoll li kien ġabar dawn l-oġġetti għax kien fihom biżżejjed features illi juru li huma allegatament foloz (fol 32).

Fil-verbal a fol 34 kien tniżżel hekk:

‘Id-difiża tiddikjara li fid-dawl tat-talba magħmula hija taqbel li l-basktijiet mhumiex prodotti oriġinali tad-ditta Louis Vuitton.

Il-Prosekuzzjoni in vista ta’ din id-dikjarazzjoni mhix tinsisti li jinħatar espert sabeix jirrelata dwar il-ġenwinita’ o meno tal-affarijiet immarkati bħala Dok CV1.’

Din il-Qorti mhix qed tieħu d-dikjarazzjoni tad-difiża bħala xi ammissjoni.
John Richards, il-Prinċipal fl-Uffiċju tal-Propjeta’ Industrijali, ippreżenta kopja ta’ ċertifikati tat-Trade Marks tal-marki Louis Vuitton.

Dr Antoine Camilleri kkonferma li l-uffiċju fejn hu jagħti s-servizzi kien tqabbad mis-Soċjeta’ Estera Franċiża Louis Vuitton Malletier biex jirrapreżenetaw l-interessi ta’ din is-soċjeta’ hawn Malta. Id-ditta kellha informazzjoni li qed jinbiegħu prodotti mhux ġenwini mill-ħanut Misto f’Bay Street, St Julian’s u għalhekk is-soċjeta’ estera talbithom biex jagħmlu kwerela lill-Pulizija. Huwa xehed ukoll li l-prodotti Louis Vuitton ma jinħadmux fiċ-Ċina. Dan jikkonferma li l-prodott mhux ta’ Louis Vuitton. Imbagħad huwa rrefera għall-ċintorin li għandu marka kważi identika għal-LV Logo. Huwa kompla jixhed li l-oġġetti esibiti huma simili ħafna għall-prodotti ta’ Louis Vuitton u allura jsitgħu iqarqu.

Kien esibita wkoll l-istqarrija tal-appellant (imputat) fejn ħa r-responsabilita’ kollha tal-bejgħ tal-oġġetti elevati.Huwa qal li kienu xtara l-oġġetti minn go ħanut f’Ruma u ma kellux għalfejn isaqsi xejn dwarhom għaliex fl-opinjoni tiegħu mhumiex Louis Vuitton. Huwa qal ukoll ma kellux għalfejn isaqsi għal ċertifikati għaliex qatt ma ħasibhom

Louis Vuitton.  Kien xtrahom bejn tliet liri u għaxar liri. Fl-istqarrija intqal ukoll li huwa qatt ma kien iddeskriva l-oġġetti bħala Louis Vuitton u qal ukoll li l-bakstijiet m'għandhom ebda isem.

Fil-kontro-eżami l-ex-Spettur Kevin Borg xehed li meta kien staqsa lill-imputat kemm kein xtrahom, dan qal li dawn kienu ġewh bejn it-Lm3 u Lm10. Huwa kkonferma li l-prezzijiet li kien hemm fuqhom kienu l-istess prezzijiet li kien hemm fuq l-oġġetti meta dawn kienu elevati.

L-imputat (appellant) xehed fis-17 ta' Marzu 2010.  Huwa qal li kienu jġibu oġġetti minn diversi pajjiżi. Meta l-Pulizija elevat l-oġġetti huwa mill-ewwel kien qalilhom li hu qatt ma biegħ Louis Vuitton u qatt ma ppreżentahom bħala Louis Vuitton. Huwa saħansitra ma riedx jiffirma fuq l-irċevuta li tawh il-puilizija.  Huwa kkonferma li qatt ma kienxtrahom bħala Louis Vuitton bags. With hindsight sweta' jgħid li l-basktijiet huma 'design inspired' iżda b'daqshekk ma jfissirx li huma counterfeits ta' Louis Vuitton.  Id-ditti l-kbar jipproduċu l-basktijiet tagħhom u 'they set the trends.' (fol 96).  Ix-xhud ikkonferma li huwa kien ibiegħhom xi Lm10, Lm12 jew Lm15-il lira. (fol 97). Dawn il-basktijiet kienu porzjon żgħir mill-bejgħ ta' matul is-sena.  Ix-xhud qal li qatt ma ried jsifida l-Pulizija.  Min irid baskett Louis Vuitton ma jixtrihx b'seven Euros. (fol 98). F;'Malta ma jinbiegħux oġġetti Louis Vuitton.

L-aggravju tal-appellant (imputat) huwa li l-Ewwel Qorti jmissha kkonsidrat is-subinċiż (3) tal-artikolu 72 tal-Kap 416.  L-element formali rikjest mill-artikolu 72 tal-Kap 416 huwa wieħed speċifiku u mhux ġeneriku.  Il-gwadann li din il-liġi tippojbixxi huwa gwadann għad-detriment tal-propjetarju.

L-artikolu 72 tal-Kap 416 jipprovdi kif ġej:

72. (1) Persuna li bil-għan li tieħu vantaġġ għaliha nnifisha
jew għal persuna oħra, jew bil-ħsieb li tikkaġuna telf lil xi persuna
oħra, u mingħajr il-kunsens tal-proprjetarju -

(a) tapplika fuq oġġetti jew fuq l-ippakkettjar tagħhom sinjal identiku għal, jew li x'aktarx jitħawwad ma' trademark reġistrata, jew
(b) tbiegħ jew tikri, toffri jew tesponi għall-bejgħ jew kiri jew tqassam oġġetti li jkollhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar tagħhom ikollu fuqu, sinjal bħal dak, jew

Jekk wieħed jeżamina din id-dispożizzjoni wieħed jara li ttik dawn l-elementi:

(a) tieħu vantaġġ għaliha nnifisha jew għal persuna oħra JEW
bil-ħsieb li tikkaġuna telf lil xi persuna oħra;
u

(b) mingħajr il-kunsens tal-proprjetarju.

Skond is-sottomissjonijiet tal-appellant (imputat) il-gwadann msemmi <u>mhux sempliċiment li taqla' l-flus iżda li wkoll dan ikun għad-detriment tal-propjetarju.</u>

Ma' din is-sottomissjoni l-Qorti ma taqbilx għaliex il-frażi hawn fuq riprodotta ma tgħaqqadx dawn iż-żewġ elementi iżda tagħmel il-konġunzjoni alternattiva '**Jew'**. Allura huwa biżżejjed li wieħed ikun qed jieħu vantaġġ għalih innifsu U li ma jkunx hemm il-kunsens tal-proprjetarju sabiex ikun hemm din l-intenzjoni li jrid il-Kap 416.
Dawn huma ż-żewġ elementi meħtiġin għall-element formali fir-reat kontemplat fl-artikolu 72 tal-Kap 416. Jista' jkun hemm prova the kien hemm ukoll l-intenzjoni biex ħadd ieħor jitlef iżda din il-prova, skond kif inhi redatta l-Liġi, mhix indispensabbli.

X'ġie ippruvat:

(a) Xebħ bejn il-logo fuq l-oġġetti elevati u l-logo ta' Louis Vuitton;
(b) Li l-appellant imputat kien xtrahom minn barra, esponihom fil-ħanut tiegħu u ma talabx ċertifikati

(ċ) Li l-imputat kien qal lill-ex-spettur Kevin Borg li dawn kienu look alike u li waqt ix-xhieda tiegħu huwa uża wkoll il-frażi 'designer inspired'meta kien qed jitkellem dwar l-oġġetti.

(d) Li l-propjetarju mhux biss ma tax il-kunsens, talli qabbad ditta ta' avukati biex tieġħu l-kaz f'idejha.

M'hemmx għalfejn li wieħed jirrpova li l-intenzjoni ta' min jagħmel l-azzjoni tkun diretta għall-ksur tal-Liġi. (Nor is it necessary that the intention of the doer should be directly that of breaking the law: Professor Mamo: Notes on Criminal Law Part 1 page 60).

Fil-fehma tal-Qorti l-Prosekuzzjoni ppruvat din l-intenzjoni.

L-appellant (imputat) issottometta wkoll li l-Ewwel Onroabbli Qorti naqset milli tikkonsidra it-tielet subinċiż li jipprovdi kif ġej:

3) Persuna li tiġi akkużata b'reat kontra dan l-artikolu tista' tgħid b'difiża li kienet taħseb fuq bażi raġonevoli li l-użu tas-sinjal
bil-mod kif dan intuża, jew kellu jintuża, ma kienx ksur tat-trademark

Id-difiża ssottomettiet li n-numru ta' basktijiet kien persentaġġ żgħir mill-bejgħ tal-ħanut, li l-marġni ta' profitt kien ftit u li x-xerrej seta' jinduna li mhxu qed jixtri Louis Vuitton minħabba li l-prezz kien baxx.

Il-Qorti pero' xtarret sew dan it-tielet subinċiż li jiffoka biss fuq it-trademark jekk bniedem raġonevoli li jiġġestixxi ħanut setax jaħseb li t-trademark fuq l-oġġetti elevati
Ma kienx ksur tat-trademark. L-ewwelnett, taħt dan il-Kap, mhux każ li l-profitt kien ftit u l-prezz kien baxx jew li l-kwantita' kienet insinifikanti. Hija kwistjoni biss jekk l-appellant (imputat) ippruvax waqt l-istqarrija jew waqt ix-xhieda tiegħu li hu, bl-istandard tal-bneidem raġonevoli, li l-użu tas-sinjal ma kienx ksur tat-trademark. Bir-rispett kollu minn dak li qrat mill-proċess din il-Qorti, din id-difiża

ma tirrriżultax anzi hija pjuttost kontradetta meta tgħid li l-oġġett huwa look alike jew li huwa designer inspired.

Għalhekk il-Qorti qed tirrespinġi dan l-argument ukoll.

Fl-aħħarnett id-difiża ssottomettiet li l-Prosekuzzjoni jmissha ippruvat kemm ir-reġistrazzjoni kif ukoll ir-reputazzjoni tat-trademark f'Malta. It-tieni subinċiż tal-artikolu 72 tal-Kap 416 jgħid hekk:

(2) Persuna ma tagħmilx reat kontra dan l-artikolu ħlief meta –

(a) l-oġġetti li dwarhom isir ir-reat ikunu oġġetti li dwarhom tkun reġistrata t-trademark,

jew

(b) it-trademark ikollha riputazzjoni f'Malta u l-użu tas-sinjal
jieħu jew kieku jieħu vantaġġ mhux ġust ta', jew
ikun jew kieku jkun detrimentali għax-xorta distintiva
jew ir-riputazzjoni tat-trademark.

Fis-sottomissjonijiet magħmula mill-Ispettur Kevin Farrugia, il-Prosekuzzjoni bdiet tqabbel l-oġġetti u d-dokumenti dwar ir-reġistrazzjoni tagħhom f'Malta biex tipprova dan it-tieni subinċiż.
Issa jidher li mid-diċitura ta' dan l-artikolu, il-Leġislatur mhux qed jitlob żewġ kundizzjonijiet biex persuna tinħeles minn dan ir-reat iżda waħda biss: hemm żewġ alternattivi: jew meta r-reġistrazzjoni tkun saret jew meta t-trademark ikollha reputazzjoni f'Malta. Huwa biżżejjed għall-Prosekuzzjoni li tissodisfa WAĦDA minn dawn iż-żewġ kundizzjonijiet. Hekk għamlet il-Prosekuzzjoni u allura ma kellhiex għalfejn tipprova r-reputazzjoni tad-ditta f'Malta.

Għaldaqstant il-Qorti qed tirrispinġi l-appell tal-appellant (imputat).

**Konklużjoni**

Għalhekk il-Qorti qed tirriforma s-sentenza kif ġej:

Tikkonfermaha fejn ma sabitux ħati tal-ewwel imputazzjoni li għandha x'taqsam mas-subparagrafi (a)(b)(ċ) tal-artikolu 298 tal-Kap 9, fejn ma sabitux ħati tat-tieni imputazzjoni [1] u fejn sabitu ħati tat-tielet imputazzjoni u, stante l-applikazzjoni tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9 qed tqis li din il-parti tal-Ewwel imputazzjoni hija assorbita fit-tielet imputazzjoni u konsegwentement qed tikkonfermaha wkoll il-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti; u qed tirriformaha fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti ma sabitux ħati tal-aħħar parti tal-ewwel imputazzjoni li taqa' taħt is-subpargrafu(f) tal-artikolu 298 – jiġifieri mill-kliem 'jew xjentement qiegħed fiċ-ċirkolazzjoni....tad-ditta Louis Vuitton'- u minflok qed issibu ħati ta' din il-parti biss tal-ewwel imputazzjoni u kif diġa' ntqal, għar-raġuni mogħtija, qed tikkonferma il-piena mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti kif ukoll il-konfiska u d-distruzzjoni tal-oġġetti mmarkati bħala Dok CV1 u esibiti fl-udjenza tat-2 t'Ottubru 2008 minn PC 344 Christopher Vella..

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Din fil-fatt kienet irtirata mill-Prosekuzzjoni